# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

AWWISSU 2019 – Ħarġa Nru: 173



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## GĦAJNUNA FL-ISFIDI!

Għeżież Żabbarin,

Bħal ma nagħmlu kull Awwissu, għandkom f'idejkom il-progamm tal-festa minn kmieni f'idejkom. Tajjeb li tagħtuh daqqa t'għajn biex kemm jista' jkun, tieħdu sehem fih.



In-Novena, li ħafna minnkom ikunu qed jistennewha bil-ħerqa, hija okkażjoni sabiħa biex nisimgħu dwar il-virtujiet ta' din l-Omm li aħna tant inħobbu. Dak li nisimgħu, iżda, jeħtieġ inqegħduh fil-prattika! Ikun inutli li aħna nistennew b'ħerqa l-festa, u forsi anke nieħdu sehem fl-attivitajiet esterni tagħha, jekk aħna ma nikbrux fl-imitazzjoni ta' Ommna Marija.

L-iskop tal-festi tagħna mhux li jaljenawna mit-toqol jew ir-rutina ta' kuljum... li jnessuna l-problemi jew il-kriżijiet li bħalissa għaddejjin minnhom, iżda li b'riflessjoni fuq il-ħajja tal-patruni tagħna u bis-sens komunitarju ta' bejnietna, nieħdu nifs u aktar kuraġġ biex niffaċċjaw l-isfidi tal-ħajja.

Marija wkoll kellha ħafna sfidi quddiemha, u rnexxilha tilqagħhom billi għamlet użu mill-fidi li kellha f'Binha Ġesù. Marija barra li kienet Omm Binha, kienet ukoll id-dixxiplu ta' Binha!

Jalla l-festa ta' din is-sena tgħinna ninbnew aktar bħala komunità li taf tifraħ, taf tħenn, taf tħobb, taf tistabar, taf tagħder, li tħobb is-silenzju, tħobb lill-proxxmu... dawn u oħrajn, kollha huma virtujiet li kienet tħaddan Ommna Marija. Ejjew nisimgħu dwarhom biex anke aħna ngħixuhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum!

Il-festa t-tajba lilkom ilkoll!

***Dun Evan***

**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Rita Abela (61), Angela Santillo (73), Joseph Schembri (76), Guzeppi Cassar (77), Stuart Diacono (34), Paul Degabriele (85), Aronne Stafrace (72), Paul Lawrence Darmanin (54), Guzeppi Cini (87), Vincent Grixti (60), Mary Magro (68), Antonia Gatt (75), Saviour Sultana (78), Mary Gatt (76), Josephine Gomez (70), Spiridione Abela (72),

# PROGRAMM TAL-FESTA 2019

**Settembru**

**L-Erbgħa 4:** Fid-9.00pm **Adorazzjoni Komunitarja** li tintemm bil-Barka Sagramentali fis-santwarju ħalli l-festa tħalli l-frott meħtieġ. Ilkoll imħeġġin nattendu għaliha b'mod speċjali l-lajċi impenjati.

**Ħamis 5: Ħruġ tal-istatwa min-Niċċa u l-Ewwel Salve.** F'Nofs in-Nhar tindaqq **Mota Solenni** biex tħabbar il-bidu tan-Novena. Fis-6.30pm Konċelebrazzjoni li tintemm bl-Antifona. Fit-7.45pm iż-żewġ soċjetajiet mużikali jagħmlu marċ minn Misraħ is-Sliem, Triq il-Kbira għal Triq is-Santwarju. Fit-8.00pm jsir il-ħruġ tal-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja fuq iz-zuntier. Issir Ċelebrazzjoni Marjana akkumpanjata mid-daqq tal-innijiet Marjani miż-żewġ baned.

**IN-NOVENA** bi tħejjija għall-festa tibda l-Ġimgħa 6 ta' Settembru billi fis-6.00pm jingħadu r-Ružarju u l-Kurunella, fis-6.30pm quddiesa. Il-priedki tan-Novena jsiru mir-**Rev. du Dun Kevin Schembri.** Wara, kant tas-Salve Regina, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fin-Novena l-kant ikun animat mill-Kor Notre Dame tal-parroċċa. Għalkemm il-ġranet se jkunu organizzati għal diversi kategoriji, kulħadd hu mħeġġeġ jattendi għalihom.

**Ġimgħa 6: L-ewwel Jum tan-Novena**
***Mistiedna: Kull min qed jaħdem fil-qasam Parrokkjali u Ċivili***
Fis-6.30pm quddiesa tan-Novena għal-lajċi impenjati u l-membri tal-Għaqdiet u Movimenti reliġjużi kif ukoll għall-membri tal-Kunsill Lokali, soċjetajiet filarmoniċi, dawk politiċi, sportivi u assoċċjazzjonijiet oħra ta' Ħaż-Żabbar. **Ir-rappreżentanti tal-għaqdiet parrokkjali u ċivili** jtellgħu offerta li tirrappreżenta l-ħidma tal-għaqda tagħhom.

**Sibt 7: It-Tieni Jum tan-Novena**
***Mistiedna: dawk li se jieħdu sehem fil-Pellegrinaġġi tar-Roti u l-Muturi***
Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudija
Fil-5.00pm quddiesa. Fis-6.30pm quddiesa tan-Novena għal dawk **li se jieħdu sehem fiż-żewġ pellegrinaġġi** tat-tfal fit-8 ta' Settembru u tal-adulti fil-15 ta' Settembru filgħodu. Mistiedna wkoll il-familjari u l-ħbieb tagħhom kif ukoll il-Kumitat li jieħu ħsieb iż-żewġ pellegrinaġġi.

**Ħadd 8: It-Tielet Jum tan-Novena u Jum it-Tifkira tal-Inkurunazzjoni.**
**Festa tat-Twelid tal-Verġni Marija**
Fid-9.30am jibda **l-pellegrinagg bir-roti għat-tfal** minn ħdejn il-kappella ta' San Ġakbu, ix-Xgħajra. Fil-11.00am jaslu quddiem is-Santwarju fejn issir ċelebrazzjoni qasira.
Fil-5.30pm Konċelebrazzjoni li fiha jitfakkar is-68 sena mill-Inkurunazzjoni tal-kwadru titulari. Id-diskors kommemorattiv isir mir-**Rev.du Dun Franklin Vella**. Titkanta s-Salve Regina, l-Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika inkluż il-kant tat-*Te Deum*. Jieħu sehem il-Kor Notre Dame u l-orkestra.

**Tnejn 9: Ir-Raba' Jum tan-Novena**
***Mistiedna: Ir-residenti taż-Żoni Pastorali u l-Immigranti Kattoliċi***
Fis-6.30pm quddiesa tan-Novena għal dawk **li jgħixu fiż-żoni ewlenin** tal-parroċċa: Sant'Andrija, San Ġakbu x-Xgħajra, Marija Bambina, Nażaret fl-Estate, Santa Marija flimkien mal-Kappella tas-Sorijiet Dumnikani, organizzata mill-*Grupp tal-Lajċi taż-Żoni.* Waqt l-offertorju jiġu ppreżentati **sitt bukketti ta' fjuri** lill-Madonna tal-Grazzja u **sitt qfief b'ikel** għall-familji fil-bżonn migbura minn fost ir-residenti. Il-lajci impenjati f'dawn iż-żoni kif ukoll ir-residenti huma mħeġġa jattendu. Ikunu preżenti **l-immigranti Kattoliċi** li jgħixu fil-parroċċa.

**Tlieta 10: Il-Ħames Jum tan-Novena**
***Mistiedna: Kull min jaħdem fil-qasam tal-Liturġija inkluż l-Abbatini***
Fis-6.30pm quddiesa tan-Novena għal-Letturi, Animaturi, Koristi, Organisti u Ministri tat-Tqarbin li **jġeddu l-impenn tagħhom f'riġlejn il-Madonna tal-Grazzja**. Mistiedna wkoll l-**abbatini** tas-santwarju flimkien mal-ġenituri tagħhom. Issir ukoll **il-Vestizzjoni** ta' wħud mill-

abbatni. Din tkun organizzata mill-*Kummissjoni Liturġija.*

**Erbgħa 11: Is-Sitt Jum tan-Novena**
***Mistiedna: il-Morda, l-Anzjani u dawk li tilfu 'l xi ħadd għażiż għalihom***
Fl-10.00am quddiesa **għall-Morda u l-Anzjani** li fiha jingħata wkoll is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda, organizzata mill-*Azzjoni Kattolika Nisa.*
Fis-6.30pm quddiesa tan-Novena għal dawk li tilfu 'l xi ħadd għażiż għalihom mill-aħħar festa 'l hawn organizzata mill-*Kummissjoni Djakonija.*

**Ħamis 12: Is-Seba' Jum tan-Novena**
***Mistiedna: Il-ġenituri tat-trabi l-ġodda u l-Familji***
Fil-5.00pm **pellegrinaġġ tat-Trabi** minn Pjazza Medjatriċi għas-Santwarju fejn issir Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla u t-tberik u l-preżentazzjoni tat-trabi lill-Madonna tal-Grazzja.
Fis-6.30pm quddiesa tan-Novena **għall-Familji kollha** b'mod speċjali dawk il-koppji li żżewġu mill-aħħar festa 'l hawn u dawk li ġew joqgħodu ġodda fil-parroċċa. Mistiedna wkoll dawk li qed jiċċelebraw l-10, 25 u 50 sena ta' żwieġ nisrani organizzata mil-*Lajċi għall-Ħidma fil-Familji.* Dawk li qed jiċċelebraw xi wieħed minn dawn l-anniversarji, huma mitlubin iċemplu 79958278.

**Ġimgħa 13: It-Tmien Jum tan-Novena u l-Aħħar Salve.**
***Mistiedna: It-Tfal, is-Saċerdoti u r-Reliġjużi.***
Fl-10.00am **it-tfal kollha** jinġabru quddiem il-Museum Subien minn fejn tibda mixja ferrieħa lejn il-knisja Arċipretali bl-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja, fejn issir ċelebrazzjoni Marjana organizzata mill-*Kummissjoni Kateketika.* It-tfal huma mħeġġa jġibu magħhom **oġġetti ta' ikel** għall-familji fil-bżonn. Fl-aħħar jingħataw tifkira.
Fis-6.30pm Konċelebrazzjoni mmexxija mir-**Rev.mu. Mons Ġużeppi Farrugia f'għeluq il-50 sena ta' saċerdozju tiegħu**, bis-sehem tas-**saċerdoti u reliġjużi** li jaħdmu jew li huma mill-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar. Jieħdu sehem ukoll ir-reliġjużi nisa Dumnikani, Orsolini u ta' St. Joseph. Wara kant tas-Salve, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-mużika.

**Sibt 14: Id-Disa' Jum tan-Novena u Lejlet il-Festa.**
Fit-8.30am Konċelebrazzjoni bil-priedka tal-aħħar jum tan-Novena. Fl-aħħar jitkanta t-*Te Deum Laudamus* u l-Antifona. Huma mistiedna l-**Emigranti u ż-Żabbarin li jgħixu barra mill-parroċċa.** Jieħu sehem il-Kor Notre Dame flimkien mal-orkestra.
Fl-10.15am isir it-Tberik mir-W.Rev.du Arċipriet taż-żewġ baned Żabbarin: **is-Soċjetà Filarmonika Maria Mater Gratiae u l-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel.** Il-baned idoqqu flimkien l-Ave Maria u innijiet Marjani. Fil-11.00am jibdew il-marċi tradizzjonali minn ħdejn il-każini rispettivi tagħhom
***Lejlet il-Festa Filgħaxija***
Fil-4.45pm quddiesa. Fis-6.00pm quddiesa li tkun animata mill-Komunitajiet Neo-Katekumenali tal-parroċċa.
Fis-7.30pm ħruġ tal-purċissjoni mill-knisja Arċipretali għall-kappella tal-Lunzjata minn fejn tibda t-**Tranżlazzjoni Solenni** tar-Relikwija tal-Madonna għas-Santwarju. Wara, kant tal-Primi Vespri, Salve, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

**Ħadd 15: Solennità tal-Madonna tal-Grazzja.**
Il-quddies filgħodu jkun fis-6.00am, 7.00am, 8.00am u 11.45am. Fid-9.30am Konċelebrazzjoni Solenni, bil-paneġierku mir-**Rev.du Kan. Albert Schembri.**
Fin-12.30pm jasal **il-Pellegrinaġġ tal-Muturi u Roti** li ilu jsir mill-1951. Fi Triq is-Santwarju ssir ċelebrazzjoni qasira għall-pellegrini.
Fil-4.45pm quddiesa. Fis-5.45pm Għasar kantat u fis-7.00pm tibda ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja mmexxija mir-**Rev. du Kan. Stefan Galea.** Fl-ewwel parti tal-purċissjoni jingħad ir-Rużarju. Fl-10.30pm dħul tal-purċissjoni, kant tal-Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Ħadd 22: Dħul tal-Vara fin-Niċċa**
Fil-5.30pm quddiesa kantata u wara dħul tal-vara tal-Madonna tal-Grazzja fin-Niċċa.

## NILTAQGĦU NHAR … AWWISSU 2019

**Ħamis 1:** San Alfons Marija de Liguori, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O.
**Ġimgħa 2**: L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Wara l-quddiesa tas-6.30pm adorazzjoni komunitarja u barka Sagramentali.
**Sibt 3**: *Il-Ħames Sibt tal-Grazzja*. Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudija. Fis-5.50pm funzjoni tas-Salve u fis-6.15pm quddiesa bil-kant u l-omelija.
**Ħadd 4:** **It-18-il Ħadd tas-sena**
**Tlieta 6**: It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej – Festa
**Ħamis 8**: San Duminku, presbiteru – Tifkira O
**Ġimgħa 9**: Sta Tereża Benedetta tas-Salib, verġni u martri, patruna tal-Ewropa – Festa
**Sibt 10**: San Lawrenz, djaknu u martri – Festa. *Is-Sitt Sibt tal-Grazzja*. Fis-5.50pm funzjoni tas-Salve u fis-6.15pm quddiesa bil-kant u l-omelija.
**Ħadd 11:** **Id-19-il Ħadd tas-sena**
**Erbgħa 14**: San Massimiljanu Marija Kolbe, presbiteru u martri – Tifkira O
**Ħamis 15**: **Solennità tat-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija** – Santa Marija, patruna tal-Gżejjer Maltin. Festa kmandata bl-obbligu tal-quddies li jkun bħal nhar ta' Ħadd.
**Sibt 17**: *Is-Seba' Sibt tal-Grazzja*. Fis-5.50pm funzjoni tas-Salve u fis-6.15pm quddiesa bil-kant u l-omelija.
**Ħadd 18**: **L-20 Ħadd tas-sena**
**Erbgħa 21**: San Piju X, papa – Tifkira O
**Ħamis 22**: L-Imqaddsa Verġni Marija Reġina – Tifkira O
**Sibt 24:** San Bartilmew, appostlu – Festa. *It-Tmien Sibt tal-Grazzja*. Fis-5.50pm funzjoni tas-Salve u fis-6.15pm quddiesa bil-kant u l-omelija.
**Ħadd 25:** **Il-21 Ħadd tas-sena**
**Tlieta 27**: Santa Monika – Tifkira O
**Erbgħa 28**: Santu Wistin, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Ħamis 29**: Il-Martirju ta' San Ġwann il-Battista – Tifkira O
**Sibt 31**: *Id-Disa' Sibt tal-Grazzja*. Fis-5.50pm funzjoni tas-Salve u fis-6.15pm quddiesa bil-kant u l-omelija.

## L-ENVELOPE TAL-FESTA

Hija ħaġa ta' min jistenniha li ma' din il-ħarġa tirċevu l-ENVELOPE biex fih tqegħdu l-offerti tagħkom għall-festa. Inqassmu mas-6000 minnhom... imma kif tafu, ftit mijiet biss jidħlu minnhom! Ikun hemm min jinsieh, jew forsi anke jwarrbu għax il-festa ma tinteressahx!

L-appell tiegħi imur għal dawk iż-Żabbarin mit-twelid u anke għal dawk li saru Żabbarin għax ġew joqgħodu hawn u li tinterssahom il-komunità, u l-festa li din tiċċelebra, biex ikunu ġenerużi fl-offerti tagħhom.

**Jekk kull familja toffri mqarr €5 fl-envelope**, kieku jkollna ġabra tajba li tnaqqsilna l-ħafna uġieh ta' ras! Nagħmel appell lil min jista' jagħti aktar minnhekk, biex ikunu ġenerużi u noffru kemm nistgħu ħalli nagħmlu festa xierqa lil Ommna Marija.

Il-parroċċa trid tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-armar tad-dawl ta' xi wħud mit-toroq, il-faċċata u l-koppla tal-knisja, il-peremessi, l-insurance, parti min-nar, il-mużika tal-knisja, il-pubblikazzjonijiet u tant spejjeż oħra li ma jidhrux.

Nirringrazzja wkoll lill-Grupp tal-Armar, li barra l-manutensjoni tal-armar ta' barra u l-opri ġodda li jwettaq, jaħseb ukoll għall-finanzjamenti meħtieġa.

Għalhekk, grazzi bil-quddiem għall-offerta tiegħek fl-envelope li qed tirċevi ma' din il-ħarġa.

***L-Arċipriet***